MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 120/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Abobaker Ab Al Arabi Sabri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Abobaker Ab Al Arabi Sabri talli fil-lejl ta' bejn id-19 u 20 ta' Jannar 2002, fir-Rabat jew/u f'xi bnadijiet ohra f'Malta;

a) Bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' A.B.;
b) Bil-vjolenza, ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' A.B.;
c) seraq b'qerq jew seduzzjoni lill-imsemmija A.B. bil-hsieb li jabbuza minnha;

d) bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-imsemmija A.B. kontra l-volonta` taghha, jew jew ta l-post biex din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew sekwestrata, u dan bhala mezz biex l-imsemmija A.B. tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;
e) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Louis Ronayne (f’wiccu), liema offiza ser iggib sfregju fil-wicc, skond ma gie ccertifikat minn Dr. N. Refalo tal-Isptar San Luqa;
f) ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ A.B. skond ma ccertifika Dr. D. Mallia Reg. No. 2122 tal-Isptar San Luqa;
g) offenda l-pudur jew il-morali b’eghmil li sar f’lok pubbliku, jew lok espost ghall-pubbliku;
h) hebb kontra l-persuna ta’ Louis Ronayne sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmillu hsara jew lil haddiehor;
i) qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni li joffendu l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ April 2005 li permezz tagħha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Abobaker Ab Al Arabi Sabri ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin, u poggiet lill-hati taht is-supervizjoni tal-ufficjal sorveljanti Trevor Calafato ghall-perjodu operattiv kollu ta’ dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fis-26 ta’ April 2005 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, u tirrevokaha f’dik il-parti fejn ikkundannat lil Abobaker Ab Al Arabi Sabri ghall-piena ta’ prigunerija ta’ sentejn sospizi ghal erba’ snin, u minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti filli dan il-kaz kien jimmerita piena ta' prigunerija effettiva u mhux sospiza. Jghid li jidher li l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha tat hafna konsiderazzjoni lill-fatt li l-appellat (allura imputat) kien ikkumpensa lill-vittma. Skond l-appellant, il-kumpens tal-vittma f'dan il-kaz ma jiggustifikax inzul daqshekk drastiku fil-piena u, addirittura s-sospensjoni taghha. Il-piena moghtija, jissokta l-appellant, hija taht il-*minimum* ta' dak previst mil-ligi, u l-ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda referenza ghall-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali li jistipula li ghandu jkun hemm ragunijiet specjali u straordinarji biex jista' jkun hemm tali nzul.

Issa jirrizulta bhala fatt li fis-seduta tat-28 ta' Frar 2005 l-appellat irregistra ammissjoni ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu inkluza dik li, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna ta' A.B. Skond l-artikolu 198 tal-Kodici Kriminali, dan ir-reat huwa punibbli bi prigunerija minn tliet snin sa disa' snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha. Huwa ammetta wkoll ghar-reati l-ohra dedotti kontra tieghu li seraq, b'qerq jew seduzzjoni lill-imsemmija A.B. bil-hsieb li jabbuza minnha, li offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li jsir f'lok pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku, u li kkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' A.B. Minbarra xi reati ta' natura kontravvenzjonali, huwa ammetta wkoll ghar-reat li ghamel offiza gravi fuq il-persuna ta' Louis Ronayne f'wiccu, liema offiza ser iggib sfregju, reat li jgorr piena ta' prigunerija minn disa' xhur sa disa' snin - ghalkemm fir-rigward ta' dan ir-reat mic-certifikat mediku (Dok. MM1 a fol. 84) rilaxxjat minn Dr. Nicky Refalo, li ma xehed qatt fil-proceduri quddiem l-ewwel Qorti, il-ferita li garrab Louis Ronayne f'mohhu giet deskritta biss bhala "slight save complications". Dwar dak li seta' sofra dan Louis Ronayne l-ewwel Qorti baqghet ghal kollox siekta.

Jigifieri l-ewwel Qorti suppost li wahhlet lill-appellat l-piena tad-delitt l-aktar gravi biz-zieda, minn terz san-nofs taz-zmien tal-pieni l-ohra kollha mehuda flimkien, b'dan li dan iz-zmien ma jkunx jiskorri hamsa u tletin sena, izda wkoll bl-applikazzjoni tal-paragrafu (h) ta' l-artikolu 17 tal-Kap. 9, u cioe` in kwantu dawk ir-reati li servew bhala mezz ghall-fini fejn allura trid tinghata biss il-piena ghar-reat l-aktar gravi.

Ghalhekk huwa ovvju li l-ewwel Qorti fil-kaz odjern qatt ma setghet taghti piena ta' inqas minn tliet snin prigunerija. Imkien fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti ma invokat l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi li l-Qorti tista' "**ghal ragunijiet specjali u straordinarji** (enfasi tal-Qorti) li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza, taghti dik il-piena izghar li, fid-diskrezzjoni taghha, tkun tixraq, ghad illi jkun hemm stabbilit l-anqas piena fl-artikolu li jsemmi dak ir-reat".

Huwa veru li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li l-fatt li l-vittma giet ikkumpensata "hija konsiderazzjoni specjali li din il-Qorti trid tindirizza u anzi testendi lil kull bniedem misjub hati li jaghmel tajjeb ghal hsarat kagjonati minnu lil vittmi". Izda dan il-fattur, flimkien ma' fatturi ohra, indikatu bhala fattur mitiganti ghall-piena. Difatti hija rreferiet ukoll ghall-fedina penali relattivament nadifa ta' l-appellat, il-mahfra tal-vittma li xtaqet twaqqaf dawn il-proceduri, il-fatt li l-appellat qieghed jahdem b'mod regolari u jinsab setiljat f'dak li qed jaghmel, u l-fatt li l-imghallem tieghu kien u ghadu ta' appogg ghalih. Dawn ma gewx invokati mill-ewwel Qorti bhala "ragunijiet specjali u straordinarji", imma biss bhala fatturi attenwanti fl-iffissar tal-piena fid-diskrezzjoni li kellha bejn tliet snin u disa' snin (jew addirittura aktar jekk jitqies il-konkors tal-pieni). L-ewwel Qorti ziedet bhala fattur mitiganti l-fatt li s-socjeta` in generali ma sofriet ebda danni la materjali u lanqas fizici. Dak li ma qalitx l-ewwel Qorti hu li reati bhal dawk odjerni jiskossaw is-serenita` u t-trankwillita` tas-socjeta` in generali u joholqu fiha sens ta' inkwjetudini.

Id-difiza rriteniet li l-ewwel Qorti invokat l-artikolu 21 izda li meta elenkat id-diversi artikoli tal-ligi li rreferiet ghalihom,

ghamlet *lapsus calami* u indikat l-artikolu 21 bi zball bhala l-artikolu 20. Dan l-argument tad-difiza ma jreggix. L-artikoli li elenkat l-ewwel Qorti kienu biss l-artikoli msemmija mill-Avukat Generali fin-nota tieghu ta' l-20 ta' Marzu 2003 li tahthom iddkjara li jidhirlu li tsta' tinsab htija (jew htijiet) ta' l-appellat.

Ghaldaqstant l-aggravju ta' l-Avukat Generali jidher li hu pjenament gustifikat u l-ewwel Qorti ma setghetx taghti l-piena li effettivament tat. Jekk l-ewwel Qorti riedet li tkun miti ma' l-appellat ghar-ragunijiet validi msemmija fis-sentenza appellata, dan xorta wahda riedet taghmlu fil-parametri tad-diskrezzjoni wiesa' li kellha fl-ghoti tal-piena kif gia` fuq imsemmi u mhux tmur oltre, galadaraba ma applikatx l-artikolu 21 fuq imsemmi.

L-applikazzjoni tas-sentenza sospiza ta' prigunerija hija limitata ghal dawk ir-reati fejn il-Qorti taghti sentenza ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn (artikolu 28A tal-Kap. 9). Ghalhekk appena din il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u tiddikjara li l-piena minima kellha tkun wahda ta' mhux inqas minn tliet snin, jigi li l-artikolu 28A ma jibqax izjed applikabbli u l-piena ta' prigunerija tkun trid tigi wahda effettiva u mhux sospiza.

Oltre dan l-Avukat Generali jissottometti li r-reati in kwistjoni, li kienu jinvolvu wkoll atti ta' vjolenza da parti ta' l-appellat, jimmeritaw piena karcerarja effettiva. Din il-Qorti taqbel u tqis li dawn ir-reati ghandhom konsegwenzi serji kemm ghall-vittmi kif ukoll ghas-socjeta` in generali ghax jimminaw is-sens ta' sigurta` li jista' jkollha.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonfermaha fejn iddikarat u sabet lill-appellat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u minnu ammessi, tirrevokaha fejn ikkundannatu ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin taht is-supervizjoni ta' l-ufficjal sorveljanti Trevor Calafato u, minflok,

tikkundannah ghal prigunerija ghal zmien tliet snin bit-tnaqqis taz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------